10 ta' April, 1954

Imħallef:
Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Ġużeppi Chircop et.

**Piena**

*Jagħmel sewwa l-Maġistrat li, meta quddiemu jinġieb imputat li jkun wera pertinaċja fl-aġir tiegħu illegali u nonkuranza tal-kundanni preċedenti, jeżaspera l-piena billi, minflok piena pekunjarja, japplika kontra tiegħu piena restrittiva tal-libertà personali.*

*Għalkemm hemm xi awturi li dehrilhom li l-fatt li persuna terġa tikser il-liġi ma jnissux jisma biex liġi mizjuda l-piena, hu aktar aċċettabbli l-prinċipju fuq imsemmi; għax l-imputat, bir-ripetizzjoni ta' reat, ikun wera ċar li, relativament għalieh, il-piena ordinarja hija insuffiċjenti.*

Il-Qorti: — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputati talli fit-13 ta' Jannar, 1954, għall-ħabta tat-8 p.m., daħlu fl-artijiet tal-R.A.F., limiti ta' Ħal Kirkop, u ngħaw naghaġ u mogħoż hemm ġew;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Frar, 1951, li biha nstabu ħatjin u ġew kundannati għal erbgħat ijiem detenzjoni kull wieħed;

Rat ir-rikors li bih l-imputati appellaw mil-piena;

Traitat l-appell;

Ikkunsidrat;

Kif ingħad, l-appell hu limitat għat-talba għall-mitigazzjoni tal-piena;

Evidentement, meta sar dan l-appell, intnesa li mill-fedina penali ta' l-imputati, eżibita *in atti*, *jidher li t-tliet imputati*, apparti r-reati l-oħra kalendati kontra tagħhom f'dawk id-dokumenti, irrendew ruħhom ħatjin kemm-il darba ta' reati bħal dak lilhom issa addebitat. Dawk id-dokumenti *juru li l-imputati kwaži għamlu speċjalità minn dan ir-reat*. u, nonostanti kundanni ripetuti, huma baqgħu juru nonkuranza riprovevoli u baqgħu jiksru l-liġi u jidħlu fl-art ta' ħaddiehor;

Minn dan jiġi li l-Maġistrat għamel proprju dak li għandu jagħmel il-ġudikant meta l-imputat ikun wera pertinaċja fl-aġir tiegħu illegali u nonkuranza tal-pieni preċedenti, ċjoè eżaspera l-piena billi, minflok piena pekunjarja, applika piena restrittiva tal-libertà personali. Din l-eżaċerbazzjoni tal-piena ġiet kontenuta fil-limiti ġusti;

Huwa veru li kien hemm xi awturi bħal Mario Pagano, Tissot, Giuliani, u Carnot, li *deskrivew li l-fatt li persuna terġa* tikser il-liġi ma missux jiswa biex tiġi miżjuda l-piena; imma, kif igħid il-Giachetti (Dei Reati e delle Pene in Generale, Vol. III, p. 200), *il-fatt li persuna terġa'* tikser il-liġi "si è sempre considerato e si considera come una circostanza che deve importare un trattamento rigoroso". U l-awtur Garraud anzi jgħid li dan il-konċett hu tant ovvju li għandu jitqies "une ideé rudimentaire". Ikompli jgħid il-Giachetti li d-delinkwent, bir-ripetizzjoni tar-reat, ikun wera ċar li, relativament għalih, il-piena ordinarja hi insuffiċjenti;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell kif limitat, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kap devolut.

---